

Brussell, 5 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13863/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0376 (NLE)

FISC 435
ECOFIN 1010

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Novembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 727 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 727 final.

Mehmuż: COM(2018) 727 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2018
COM(2018) 727 final

2018/0376 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (“id-Direttiva tal-VAT”¹), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' April 2018, ir-Repubblika tal-Litwanja talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT, li jiddetermina l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-23 ta' Lulju 2018, ir-Repubblika tal-Litwanja ressqet rapport dwar l-applikazzjoni ta' dik il-miżura.

Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħra b'ittri datati s-16 ta' Awwissu 2018 dwar it-talba li għamlet ir-Repubblika tal-Litwanja, għajr lil Spanja u lil Ċipru li ġew informati b'ittri datati s-17 ta' Awwissu 2018. Permezz ta' ittra datata l-20 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Repubblika tal-Litwanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba tagħha.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li hija l-persuna taxxabli li tipprovdi l-merkanzija jew is-servizzi li normalment tkun responsabbli biex tħallas il-VAT.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT sabiex jissimplifikaw il-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjenu ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa jekk ikunu ġew awtorizzati mill-Kunsill.

Ir-Repubblika tal-Litwanja talbet biex tkompli tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-injam u għall-provvisti tal-merkanzija u tas-servizzi minn persuna taxxabli taħt proċedura ta' insolvenza jew ta' ristrutturar li tkun soġġetta għal sorveljanza ġudizzjarja, jiġifieri li l-persuna li tirċievi l-merkanzija jew is-servizzi tkun responsabbli għall-ħlas tal-VAT.

Il-miżura ta' deroga għar-Repubblika tal-Litwanja kienet inizjalment ingħatat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/388/KE tal-15 ta' Mejju 2006² għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2009 u mbagħad reġġet ingħatat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/99/UE tas-16 ta' Frar 2010³ sal-31 ta' Diċembru 2012 u permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/704/UE tat-13 ta' Novembru 2012⁴ sal-31 ta' Diċembru 2015 u permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2395 tal-10 ta' Diċembru 2015⁵ sal-31 ta' Diċembru 2018.

Fit-talba attwali tagħha u fir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha, ir-Repubblika tal-Litwanja informat lill-Kummissjoni li l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-injam u għall-provvisti tal-merkanzija u tas-servizzi minn persuna taxxabli taħt proċedura ta' insolvenza

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² ĠU L 150, 3.6.2006, p. 13.

³ ĠU L 45, 20.2.2010, p. 10.

⁴ ĠU L 319, 16.11.2012, p. 7.

⁵ ĠU L 332, 18.12.2015, p. 140.

jew ta' ristrutturar, uriet li dan il-mekkaniżmu kien effettiv ħafna biex jipprevjeni l-frodi. Il-mekkaniżmu tar-reverse charge mhuwiex biss mezz biex jikkontrolla u jiġbor il-VAT b'mod aktar faċili għad-dipartiment tat-taxxa, iżda jħeġġeġ ukoll lill-kontribwenti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Skont ir-Repubblika tal-Litwanja, l-għadd ta' ksur fl-oqsma msemmija hawn fuq naqas b'mod sinifikanti minn mindu ġie introdott il-mekkaniżmu tar-reverse charge. Barra minn hekk, din il-miżura speċjali ma għandhiex impatt negattiv fuq l-ammont totali tad-dħul mill-VAT miġbur fl-istadju finali tal-konsum u għalhekk, ma taffettwax b'mod negattiv ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT.

B'mod ġenerali, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali hijiex xierqa u effettiva u biex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien biex jintroduċu miżuri konvenzjonali oħra biex jindirizzaw il-problema rispettiva sal-iskadenza tal-miżura ta' deroga, u b'hekk estensjoni tad-deroga ssir inutili. Deroga li tippermetti l-użu tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tingħata biss ecezzjonalment għal oqsma frodulent i speċifiċi u tikkostitwixxi mezz tal-aħħar rikors.

Għaldaqstant, ladarba s-sitwazzjoni legali u fattwali ma nbidlitx, qed jiġi propost li tiġi estiża l-miżura ta' deroga għall-aħħar darba, biex b'hekk ir-Repubblika tal-Litwanja tkun tista' tkompli tapplika din il-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2021. Sakemm tiskadi din id-deroga, ir-Repubblika tal-Litwanja jenħtieġ li timplimenta miżuri konvenzjonali oħra biex tiġġieled u tipprevjeni aktar tixrid ta' frodi tal-VAT fis-settur tal-injam u fis-sitwazzjoni ta' persuni taxxabli taħt proċeduri ta' insolvenza jew ta' ristrutturar. Bħala konsegwenza, ma hemmx għalfejn tkompli d-deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' dawn il-provvisti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Derogi simili li għandhom x'jaqsmu mal-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT ingħataw lil Stati Membri oħra.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva tal-VAT.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Meta wieħed iqis il-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, deroga mid-dispożizzjonijiet komuni tal-VAT hi possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu bi

proposta tal-Kummissjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq billi tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba mir-Repubblika tal-Litwanja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm hteieġa ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex tkompli tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-injam u għall-provvisti tal-merkanzija u tas-servizzi minn persuna taxxabbli taħt proċedura ta' insolvenza jew ta' ristrutturar li tkun soġġetta għal sorveljanza ġudizzjarja għal perjodu ta' żmien limitat. Dan il-mekkaniżmu għandu l-għan li jiġġieled il-frodi fis-setturi kkonċernati. Barra minn hekk, jissimplifika l-ġbir u l-kontrolli tal-ħlasijiet korretti tal-VAT għad-dipartiment tat-taxxa u jinkoraġġixxi lill-kontribwenti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

Skont ir-Repubblika tal-Litwanja, l-estensjoni ta' din il-miżura mhux se jkollha impatt negattiv fuq l-ammont totali tad-dħul mill-VAT miġbur fl-istadju finali tal-konsum u għalhekk, ma taffettwax b' mod negattiv ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta hija limitata biż-żmien.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/388/KE² awtorizzat lil-Litwanja biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 21 tad-Direttiva 77/388/KEE³ li tinnomina l-persuna taxxabli li tirċievi l-provvisti tal-merkanzija u tas-servizzi fil-każ ta' proċeduri ta' insolvenza jew ta' proċeduri ta' ristrutturar li jkunu soġġetti għal sorveljanza ġudizzjarja u l-provvisti tal-injam, bħala l-persuna responsabbli li tħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) dovuta fuq il-provvisti ta' dik il-merkanzija u dawk is-servizzi.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/99/UE⁴, il-Litwanja, b'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, kienet awtorizzata sal-31 ta' Diċembru 2012 li tkompli tinnomina l-persuna taxxabli li tirċievi l-provvisti segwenti ta' oġġetti u ta servizzi, bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT: il-provvisti ta' oġġetti u ta' servizzi minn persuna taxxabli waqt li tkun qiegħda taħt proċedura ta' insolvenza jew proċedura ta' ristrutturar li jkunu soġġetti għal sorveljanza ġudizzjarja u l-provvisti tal-injam. L-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura ta' deroga ġiet sussegwentement estiża bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/704/UE⁵ sal-31 ta' Diċembru 2015 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2395⁶ sal-31 ta' Diċembru 2018.

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/388/KE tal-15 ta' Mejju 2006 li tawtorizza lil-Litwanja sabiex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 21 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ (ĠU L 150, 3.6.2006, p. 13).

³ Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1).

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/99/UE tas-16 ta' Frar 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 45, 20.2.2010, p. 10).

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/704/UE tat-13 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE sabiex tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 319 16.11.2012, p. 7).

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2395 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE sabiex tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi

- (3) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' April 2018, il-Litwanja talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE għall-provvisti tal-injam u għall-provvisti ta' merkanzija u ta' servizzi minn persuna taxxabbli taħt proċedura ta' insolvenza jew proċedura ta' ristrutturar li jkunu soġġetti għal sorveljanza ġudizzjarja. Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-23 ta' Lulju 2018, il-Litwanja ppreżentat lill-Kummissjoni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' dik il-miżura kif meħtieġ mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE.
- (4) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħra b'ittri datati s-16 ta' Awwissu 2018 dwar it-talba li għamlet il-Litwanja, għajr lil Spanja u lil Ċipru li ġew informati b'ittri datati s-17 ta' Awwissu 2018. Permezz ta' ittra datata l-20 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Litwanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.
- (5) Il-persuni taxxabbli taħt proċeduri ta' insolvenza jew proċeduri ta' ristrutturar ħafna drabi ma jitħallewx iħallsu l-VAT fatturata fuq il-provvisti ta' merkanzija u ta' servizzi tagħhom minħabba diffikultajiet finanzjarji. Il-Litwanja tħabbat wiċċha wkoll ma' problemi fis-suq tal-injam minħabba n-natura tas-suq u n-negozji involuti. Is-suq huwa dominat minn kumpaniji lokali żgħar, li ħafna drabi jkunu bejjiegħa ta' dak li jixtru u intermedjarji, li l-awtoritajiet tat-taxxa jkunu sabuha diffiċli biex jikkontrollaw. L-aktar forma komuni ta' evazzjoni tinvolvi l-fatturazzjoni ta' provvisti min-negozji li wara jgħibu mingħajr ma jħallsu t-taxxa imma jħallu lill-konsumatur b'fattura valida li biha tista' titnaqqaslu t-taxxa. Skont il-Litwanja, din is-sitwazzjoni, li ġġustifikat l-applikazzjoni tal-miżura ta' deroga, ma nbidlitx, imma għadha teżisti. L-investigazzjonijiet u l-analiżi tal-applikazzjoni tal-miżura ta' deroga mwettqa mill-awtoritajiet tat-taxxa fil-Litwanja wrew l-effettività tagħha biex tipprevjeni l-frodi tal-VAT fir-rigward ta' persuni taxxabbli taħt proċeduri ta' insolvenza jew ta' ristrutturar kif ukoll ta' tranżazzjonijiet tal-injam.
- (6) Għaldaqstant il-Litwanja jenħtieġ li tkun awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga għal perjodu limitat ulterjuri sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (7) B'mod ġenerali, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura ta' deroga hijiex xierqa u effettiva. Id-derogi jagħtu żmien lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri konvenzjonali oħra biex jindirizzaw il-problema rispettiva sal-iskadenza tal-miżura ta' deroga, u b'hekk estensjoni tad-deroga ssir inutli. Deroga li tippermetti l-użu tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tingħata biss eċċezzjonalment għal oqsma frodulent i speċifiċi u tikkostitwixxi mezz tal-aħħar rikors. Għaldaqstant, il-Litwanja jenħtieġ li timplimenta miżuri konvenzjonali oħra biex tiġġieled u tipprevjeni aktar tixrid ta' frodi tal-VAT fis-settur tal-injam u fis-sitwazzjoni ta' persuni taxxabbli taħt proċeduri ta' insolvenza jew ta' ristrutturar sal-iskadenza ta' din id-deroga u konsegwentement ma hemmx għalfejn tkompli tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' dawn il-provvisti.
- (8) Il-miżura ta' deroga mhi se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 140).

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2021.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*